MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Numru. 1258/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Vincent Attard**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat Vincent Attard, ta' 55 sena bin Edward u MaryAnne nee' Zammit, imwieled Ghaxaq fil-24 ta' Lulju 1957 u joqgħod f'1, Ashgill Court, Triq Censu Busuttil, Fgura detentur tal-karta ta' l-identita' numru 517657(M) gie akkużat talli f'xi ġranet, f'Awwisu 2010 u fix-xhur

ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin minnu li jiskru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li ġew magħmula d’riżoluzzjoni waħda :

B’mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b’qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza’ ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti immaġinarji jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qliegħ għalik jew għal persuni oħra, ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) iżda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 2,329.37) għad-dannu ta’ Joseph Bonello ta’ Superior Diesel Limited.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi *in succint* il-kaz jirrigwarda xoghol maghmul u servizz moghti minn Joseph Bonello ta` Superior Diesel Limited a beneficcju tas-socjeta` V. Attard Works Ltd, rappresentata mill-imputat. Ir-relazzjoni kummercjali bejn iz-zewg socjetajiet kienet ilha ghaddejja madwar 12-il sena u hlief ghal xi okkazzjonijiet rari ta` dizgwid li kienu jigu rizolti, ir-relazzjoni kienet wahda tajba. Gara illi fix-xahar ta` Awwissu 2010 u xi xhur qabel, Joseph Bonello ghamel xi xogholijiet ta` riparazzjoni ta` pompi u injectors in konnessjoni ma magni diesel u dana fuq talba tas-socjeta` rappresentata mill-imputat. Wara li tlesta x-xoghol, inhargu w intbaghatu l-fatturi sabiex isir il-hlas. Inhargu erba cekkijiet iffirmati mill-imputat. F’xi moment wara l-hrug ta` tali cekkijiet, l-imputat deherlu li Joseph Bonello kien qed izommlu zzejjed tas-servizz u l-imputat ta` ordni biex ic-cekkijiet jieqfu. Minhabba servizz limitat ta` l-internet banking, tlett cekkijiet gew dikjarati ‘lost’. Wiehed irrizulta ‘referred to drawer’ minhabba nuqqas ta` fondi.

F’dan ix-xenarju, sar rapport lill-pulizija u l-imputat tressaq biex jirrispondi ghall-imputazzjoni ta` frodi taht l-artikolu 308 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Fil-mori ta` dawn il-proceduri, il-partijiet irrizolvew il-pendenzi li kellhom u finalment Joseph Bonello ircieva l-hlas kollu dovut.

Ikkunsidrat;

Illi, indipendentement mir-rizoluzzjoni tal-pendenza bejn il-kontendenti fil-mori ta` dawn il-proceduri, minn ezami dettaljat tar-rizultanzi processwali jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi mkien fl-atti ma jirrizultaw a sodisfazzjon tal-ligi l-elementi kostituttivi tar-reat addebitat taht  l-Artikolu 308.

Din il-Qorti rat numru sostanzjali ta` sentenzi in materja. Hawnhekk sejra tirriproduci dak migjub fis-sentenza tal-**Qorti ta` l-Appell Kriminali** tat-30 ta` Dicembru 2004 (App Nru **130/2003 VDG**) fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Carmela German” :

In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta’ Frar, 1999 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby* li: **“Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f’ “raggiri o artifizi” – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta’ frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56).”**

Imkien mill-provi ma jirrizulta li Joseph Bonello gie b'xi mod ingannat. Mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li tara jekk l-imputat kellux jew le ragun li jwaqqaf il-pagamenti. Dik hi materja li ma hijiex kompetenza ta` din il-Qorti. La ma jirrizultax l-element ta` l-ingann da parti ta` l-imputat, huwa ma jistax jinstab hati ta` l-imputazzjoni dedotta.

Jirrizulta evidenti li din il-kwistjoni partikolari li nibtet bejn l-imputat u Joseph Bonello kienet wahda ta` natura purament civili u ma kienx hemm lok, *ab initio*, ghall-procediment kriminali.

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI** ssib lill-imputat Vincent Attard mhux hati ta` l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u konsegwentement minnha tilliberah skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------